



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2009/0063(COD)**

6.1.2010

\*\*\*|

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni  
(COM(2009)0217 – C7-0038/2009 – 2009/0063(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Jörg Leichtfried

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħha*
- \*\*I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħha*
- \*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħha, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' kunsens  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, appartil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
- \*\*\*I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħha*
- \*\*\*II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħha, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħha, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

### ***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa **grassa u korsiva**. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerha dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## **WERREJ**

### **Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	24



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni  
(COM(2009)0217 – C7-0038/2009 – 2009/0063(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0217),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0038/2009),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem “Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Liżbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa” (COM(2009)0665),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0000/2009),
  1. Jaddotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari kif tinstab hawnhekk;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri.

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal direttiva**

##### **Premessa 1**

*Text propost mill-Kummissjoni*

(1) Is-sigurtà tal-avjazzjoni fl-ajruporti Ewropej essenzjalment hija responsabbiltà tal-istat. **Kull Stat Membru jiddeċiedi dwar il-metodi biex jiffinanzja s-sigurtà tal-**

*Emenda*

(1) Is-sigurtà tal-avjazzjoni fl-ajruporti Ewropej essenzjalment hija responsabbiltà tal-istat. Jeħtieġ li jiġi stabbilit qafas komuni li jirregola l-karatteristiċi

**avjazzjoni.** Jeħtieġ **madankollu** li jiġi stabbilit qafas komuni li jirregola l-karatteristiċi essenziali tal-imposti tas-sigurtà u l-mod li jiġu ffissati, minħabba li fin-nuqqas ta' dan il-qafas ir-rekwiżiti bażiċi fir-relazzjoni bejn il-entitajiet tal-ġestjoni tal-ajruporti u l-utenti tal-ajruporti jistgħu ma jiġux rispettati.

essenziali tal-imposti tas-sigurtà u l-mod li jiġu ffissati, minħabba li fin-nuqqas ta' dan il-qafas ir-rekwiżiti bażiċi fir-relazzjoni bejn il-entitajiet tal-ġestjoni tal-ajruporti u l-utenti tal-ajruporti jistgħu ma jiġux rispettati.

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Adattament meħtieġ għall-Artikolu 6.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 3**

##### *Text propost mill-Kummissjoni*

(3) Huwa ta' importanza vitali għall-utenti tal-ajruporti li jiksbu mingħand l-entità **tal-ġestjoni tal-ajruporti**, fuq bażi regolari, informazzjoni dwar kif u fuq liema bażi jiġu kkalkolati l-imposti tas-sigurtà. Din l-informazzjoni għandha tagħti **l-it-trasportaturi tal-ajru** ħjiel dwar l-ispejjeż imġarrba għall-forniment tas-servizzi tas-sigurtà **u l-produttività** tal-investimenti relatati. Sabiex **entità tal-ġestjoni ta' ajrūport** tkun tista' tivvaluta sew **ir-rekwiżiti** rigward l-investimenti tagħha fil-ġejjieni, l-utenti tal-ajruport għandu jkollhom l-obbligu *li, jaqsmu l-previżjonijiet* operazzjonali tagħhom, il-proġetti ta' żvilupp u t-talbiet u x-xewqat speċifiċi tagħhom mal-entità **tal-ġestjoni tal-ajruport** fi żmien f'waqtu.

##### *Emenda*

(3) Huwa ta' importanza vitali għall-utenti tal-ajruporti li jiksbu mingħand l-entità **li tistabbilixxi u tapplika l-imposti**, fuq bażi regolari, informazzjoni dwar kif u fuq liema bażi jiġu kkalkolati l-imposti tas-sigurtà. Din l-informazzjoni għandha tagħti **lill-utenti tal-ajruport** ħjiel dwar l-ispejjeż imġarrba għall-forniment tas-servizzi tas-sigurtà **bħal ma jiispjega r-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002<sup>1</sup> u r-regoli ta' implementazzjoni tiegħi il-produttività tal-investimenti relatati **u kull għotja u sussidju allokat mill-awtoritajiet għal skopijiet ta' sigurtà**. Sabiex **l-entità kompetenti li tistabbilixxi jew tapplika l-imposti** tkun tista' tivvaluta sew **ir-rekwiżiti** rigward l-investimenti tagħha fil-ġejjieni, l-utenti tal-ajruport għandu jkollhom l-obbligu *li jaqsmu l-previżjonijiet* operazzjonali tagħhom, il-proġetti ta' żvilupp u t-talbiet u x-xewqat speċifiċi tagħhom mal-entità **kompetenti** fi żmien**

f'waqtu.

---

<sup>1</sup> *ĠU L* 97, 9.4.2008, p. 72.

Or. en

### *Gustifikkazzjoni*

*Id-direttiva m'għandhiex tiffoka biss fuq entitajiet ta' ġestjoni tal-ajruport, u għalhekk terminu aktar newtrali kif definit aktar tard fl-Artikolu 2 jirrispetta aħjar is-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri.*

*It-trasportaturi tal-ajru għandhom jiġu sostitwiti bl-utenti tal-ajruport b'konformità mad-definizzjoni fl-Artikolu 2.*

*Huwa importanti li tiżdied it-trasparenza dwar kwalunkwe ffinanzjar minn awtoritajiet pubbliċi. Marbuta mal-Emenda 23.*

## **Emenda 3**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 5**

*Text propost mill-Kummissjoni*

(5) Huwa importanti li jkun hemm trasparenza fir-rigward ***tal-im Patt ekonomiku*** tal-miżuri nazzjonali tas-sigurtà li *jkun* aktar stretti mill-istandard bażiċi komuni stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

*Emenda*

(5) Huwa importanti li jkun hemm trasparenza fir-rigward ***tal-użu*** tal-miżuri nazzjonali tas-sigurtà li *jkunu* aktar stretti mill-istandard bażiċi komuni stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

Or. en

### *Gustifikkazzjoni*

*Marbuta mal-Artikolu 6.*

## **Emenda 4**

### **Proposta għal direttiva Premessa 6**

*Text propost mill-Kummissjoni*

(6) Awtorità indipendenti ta' superviżjoni **f'kull Stat Membru** għandha tiżgura l-applikazzjoni korretta u effikaċi ta' din id-Direttiva. L-awtorità għandu jkollha r-riżorsi kollha meħtieġa f'termini ta' persunal, għarfien espert u risorzi finanzjarji għat-twettiq ta' ħidmietha.

*Emenda*

(6) **F'kull Stat Membru li fih l-imposti tas-sigurtà jingħabru fl-ajrporti**, awtorità indipendenti ta' superviżjoni għandha tiżgura l-applikazzjoni korretta u effakaċi ta' din id-Direttiva. L-awtorità għandu jkollha r-riżorsi kollha meħtieġa f'termini ta' persunal, għarfien espert u risorzi finanzjarji għat-twettiq ta' ħidmietha.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-Emenda 35 dwar it-traspożizzjoni.*

## **Emenda 5**

### **Proposta għal direttiva Premessa 6 a (ġdida)**

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6a) L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li jaapplikaw sistema komuni ta' ġbir tal-imposti biex tkopri netwerk ta' ajrporti jew gruppi oħra ta' ajrporti inklużi dawk li jservu l-istess belt jew konurbazzjoni.**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mad-Direttiva 2009/12 tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajrporti.*

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva Premessa 6 b (ġdida)

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(6b) Meta jkunu qed jiġu kkalkolati l-imposti tas-sigurtà fir-rigward tar-rabta mal-ispejjeż, għandhom jintużaw kriterji oġġettivi bħala bażi, bħalma huma dawk il-kriterji stabbiliti fid-dokumenti rilevanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili (ICAO), li hija favur l-użu tan-numru ta' passiġġieri jew il-piż massimu tal-ingenu tal-ajru fit-tluq jew iż-żewġ fatturi flimkien.*

Or. en

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagraphu 1

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ajrupport li jinsab f'territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ajrupport li jinsab f'territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat **u miftuħ għat-traffiku kummerċjali.**

Or. en

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva Artikolu 2 – punt b a (ġdid)

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) "entità kompetenti" tfisser entità ta' tmexxija tal-ajrupport jew kwalunkwe entità jew awtorità oħra responsabbli għall-applikazzjoni u/jew għall-*

*istabbiliment tal-livell u l-istruttura tal-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-ajruporti tal-Komunità;*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom sistemi differenti stabbiliti għal mżuri ta' sigurtà tal-avjazzjoni. Skont il-kuntest nazzjonali jistgħu jkunu l-awtoritajiet pubbliċi, l-entità li tamministra l-ajrupport u anki linji tal-ajru li huma responsabli għas-sigurtà tal-avjazzjoni.*

## **Emenda 9**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 2 – punt d**

*Text propost mill-Kummissjoni*

(d) 'imposta tas-sigurtà' tfisser tariffa li hija specifikkament imfassla biex tirkupra **parti minn jew l-ispiża kollha** tal-mżuri tas-sigurtà intenzjonati biex jipproteġu l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali.

*Emenda*

(d) 'imposta tas-sigurtà' tfisser tariffa **miġbura minn kwalunkwe entità, ajrupport jew utent tal-ajrupport f'forom differenti**, li hija specifikkament imfassla biex tirkupra **l-ispejjeż** tal-mżuri tas-sigurtà intenzjonati biex jipproteġu l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali.

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom sistemi differenti stabbiliti għal mżuri ta' sigurtà tal-avjazzjoni. Skont il-kuntest nazzjonali jistgħu jkunu l-awtoritajiet pubbliċi, l-entità li tamministra l-ajrupport u anki linji tal-ajru li huma responsabli għas-sigurtà tal-avjazzjoni. Konsegwentement, l-iffinanzjar ta' mżuri tas-sigurtà wkoll jaqa' fuq atturi differenti fl-Istati Membri differenti. Għalhekk, id-definizzjoni ta' 'imposta tas-sigurtà' fl-Artikolu 2 għandha tirrefletti r-responsabilitajiet u t-tipi differenti ta' imposti tas-sigurtà miġbura mill-ajrupporti, mill-awtoritajiet pubbliċi u mil-linji tal-ajru.*

## **Emenda 10**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 2 – punt d a (ġidid)**

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(da) 'sigurtà tal-avjazzjoni' tfisser it-*

*taħlita ta' miżuri u riżorsi umani u  
materjali maħsubin għas-salvagwardja  
tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta'  
interferenza illegali li jipperikolaw is-  
sigurtà tal-avjazzjoni ċivili;*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Definizzjoni meħħuda mir-Regolament 300/2008. Definizzjoni neċċesarja hawnhekk sabiex  
wieħed ma jiffokax biss fuq l-ajruporti. Marbuta mal-emendi 15 u 26.*

## **Emenda 11**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 a (ġdida)**

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

### *Artikolu 3a*

#### *Netwerk ta' ajruporti*

*L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-  
entità kompetenti ta' netwerk ta' ajruporti  
tintroduċi sistema komuni u trasparenti  
ta' ġbir ta' imposti għall-imposti tas-  
sigurtà biex tkopri n-netwerk ta' ajruporti.*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Netwerks ta' ajruporti ġew stabbiliti minn diversi Stati Membri (p.e. Spanja, il-Portugall, il-Greċja, l-İżvejza, il-Finlandja u n-Norveġja) fi ħdan il-qafas tal-politika tagħhom tat-trasport  
nazzjonali. In-netwerks tal-ajruporti għandhom ikunu f'pożizzjoni li japplikaw sistema komuni  
ta' ġbir ta' imposti għall-imposti tas-sigurtà sabiex titrawwem il-koeżjoni territorjali u jiġi  
limitat l-iżvantaġġ kompetittiv tar-reġjuni remoti. Għalhekk, l-abbozz tad-Direttiva tal-UE  
dwar l-Imposti tas-Sigurtà għandu jiġi allinjal mal-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-UE dwar l-  
Imposti tal-Ajruporti sabiex jiġu rikonoxxuti n-netwerks ta' ajruporti.*

## **Emenda 12**

### **Proposta għal direttiva Article 3 b (ġid)**

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 3b*

#### ***Sistemi komuni ta' ġbir ta' imposti***

*Wara li jkunu infuraw lill-Kummissjoni u bi qbil mal-liġi Komunitarja, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lil entità kompetenti tapplika sistema tal-imposti komuni u trasparenti f'ajruporti li jaqdu lill-istess belt jew konurbazzjoni, sakemm kull ajruport ikun kompletament konformi mar-rekwiżiti dwar it-trasparenza mniżżla fl-Artikolu 5.*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa meħtieġ li tiġi żgurata konsistenza mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajruporti. Entitajiet li joperaw ajruporti li jaqdu l-istess belt jew konurbazzjoni ta' spiss stabbilew sistema komuni ta' ġbir ta' imposti għal raġunijiet ta' distribuzzjoni tat-traffiku. Dawn is-sistemi tal-ajruporti għandhom ikunu jistgħu japplikaw sistema komuni ta' ġbir ta' imposti anki għall-imposti tas-sigurtà. Għalhekk, l-abbozz tad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tas-Sigurtà għandu jiġi allinjat mal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajruporti sabiex jiġu rikonoxxuti s-sistemi tal-ajruporti li jservu l-istess belt jew konurbazzjoni.*

## **Emenda 13**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 4 – Titolu**

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Konsultazzjoni

**Konsultazzjoni u rimedju**

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajruporti 2009/12.*

## **Emenda 14**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1**

*Text propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entità ***tal-ġestjoni tal-ajrūport ikollha*** aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-ispejjeż tal-forniment tas-servizzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-ajrūport.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entità ***kompetenti jkollha*** aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-ispejjeż tal-forniment tas-servizzi tas-sigurtà tal-avjazzjoni fl-ajrūport.

Or. en

## **Emenda 15**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2**

*Text propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***f'kull ajrūport*** tīgi stabbilita proċedura obbligatorja ***u regolari*** għal konsultazzjoni bejn l-entità ***tal-ġestjoni tal-ajrūport*** u l-utenti tal-ajrūport fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema tal-imposti tas-sigurtà u l-livell ta' dawn l-imposti. ***Dik il-konsultazzjoni*** għandha sseħħi tal-anqas darba fis-sena.

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi stabbilita proċedura obbligatorja għal konsultazzjoni ***regolari*** bejn l-entità ***kompetenti*** u l-utenti tal-ajrūport ***jew ir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-ajrūport u l-assoċjazzjonijiet tal-passiġġieri tal-ajru*** fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema tal-imposti tas-sigurtà u l-livell ta' dawn l-imposti. ***Tali konsultazzjoni*** għandha sseħħi tal-anqas darba fis-sena, ***sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor fl-aħħar konsultazzjoni. Fejn ikun jeżisti ftehim plurijennali bejn l-entità kompetenti u l-utenti tal-ajrūport, il-konsultazzjoni jkollhom iseħħu kif ipprovdut f'tali ftehim. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jitkolli konsultazzjoni aktar frekwenti.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jiġu involuti wkoll l-organizzazzjoni jiet tal-passiġġieri f'dan il-proċess ta'*

*skambju ta' informazzjoni peress li fl-aħħar mill-aħħar huma l-passiġġieri u mhux l-utenti tal-ajruport li jħallsu għall-biċċa l-kbira ta' dawn il-miżuri ta' sigurtà. B'mod partikolari, l-informazzjoni direttament mis-sors dwar l-ispejjeż tal-imposti tas-sigurtà magħmula mill-entità kompetenti jew trasportatur tal-ajru għandha tippermetti lill-organizzazzjonijiet tal-passiġġieri jikkontrollaw aħjar il-prezz finali impost fuq il-passiġġieri. Emenda marbuta mal-emenda 25.*

*It-tieni parti tal-emenda hija allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajruporti.*

## **Emenda 16**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 4 – paragrafu 3**

*Text propost mill-Kummissjoni*

3. L-entità **tal-ġestjoni tal-ajruport** għandha tissottometti kwalunkwe proposta għal tibdil fis-sistema jew fil-livell tal-imposti tas-sigurtà lill-utenti tal-ajruport sa mhux iktar tard minn erba' xħur qabel ma *jidħol* fis-seħħ, flimkien mar-raġunijiet għat-tibdil proposti. L-entità **tal-ġestjoni tal-ajruport** għandha tikkonsulta dwar it-tibdil proposti mal-utenti tal-ajruport u tqis il-fehmiet tagħhom qabel ma tittieħed deċiżjoni.

*Emenda*

3. L-entità **kompetenti** għandha tissottometti kwalunkwe proposta għal tibdil fis-sistema jew fil-livell tal-imposti tas-sigurtà lill-utenti tal-ajruport **jew lir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-ajruport** sa mhux iktar tard minn erba' xħur qabel ma *tidħol* fis-seħħ, flimkien mar-raġunijiet għat-tibdil proposti. L-entità **kompetenti** għandha tikkonsulta dwar it-tibdil proposti mal-utenti tal-ajruport u tqis il-fehmiet tagħhom qabel ma tittieħed deċiżjoni.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajruporti 2009/12.*

## **Emenda 17**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 4 – paragrafu 4**

*Text propost mill-Kummissjoni*

4. L-entità **tal-ġestjoni tal-ajruport** għandha tippubblika d-deċiżjoni tagħha sa mhux aktar tard minn xahrejn qabel ma *tidħol* fis-seħħ. Meta ma jintlaħaqx ftehim dwar it-tibdil proposti bejn l-entità **tal-**

*Emenda*

4. L-entità **kompetenti** għandha tippubblika d-deċiżjoni tagħha sa mhux aktar tard minn xahrejn qabel ma *tidħol* fis-seħħ. Meta ma jintlaħaqx ftehim dwar it-tibdil proposti bejn l-entità **kompetenti** u l-utenti tal-

*ġestjoni tal-ajruport* u l-utenti tal-ajruport, l-entità ***tal-ġestjoni tal-ajruport*** għandha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha mal-utenti tal-ajruport.

ajruport, l-entità ***kompetenti*** għandha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha mal-utenti tal-ajruport.

Or. en

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4 a (ġdid)

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar deċiżjoni dwar imposti tas-sigurtà meħuda mill-entità kompetenti, kwalunkwe parti tista' titlob l-intervent tal-awtorità indipendent ta' superviżjoni msemmija fl-Artikolu 8, li għandha teżamina l-ġustifikazzjonijiet għall-modifika tas-sistema jew tal-livell ta' imposti tas-sigurtà.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajrūporti 2009/12.*

## Emenda 19

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4 b (ġdid)

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4b. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma jaapplikax il-paragrafu 4a fir-rigward tat-tibdil fil-livell jew fl-istruttura tal-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni f'dawk l-ajruporti li għalihom:*

*(a) ikun hemm proċedura obbligatorja skont il-liġi nazzjonali li permezz tagħha l-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni, jew il-*

*livell massimu tagħhom, għandhom jiġu determinati jew approvati mill-awtorità indipendent ta' superviżjoni; jew*

*(b) ikun hemm proċedura obbligatorja skont il-liġi nazzjonali li permezz tagħha l-awtorità indipendent ta' superviżjoni teżamina, fuq bażi regolari jew fuq talba mill-partijiet interessati, jekk tali ajruporti humiex suġġetti għal kompetizzjoni effettiva. Meta dan ikun ġustifikat fuq il-bażi ta' eżami bħal dan, l-Istat Membru għandu jiddeċiedi li l-imposti tas-sigurtà tal-avjazzjoni, jew il-livell massimu tagħhom, ikunu determinati jew approvati mill-awtorità indipendent ta' superviżjoni. Din id-deċiżjoni għandha tapplika għall-perjodu ta' żmien meħtieġ fuq il-bażi tal-eżami mwettaq minn dik l-awtorità.*

*Il-proċeduri, il-kundizzjonijiet u l-kriterji applikati mill-Istat Membru għall-iskopijiet ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu rilevanti, oġġettivi, non-diskriminatorji u trasparenti.*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajrūporti 2009/12.*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttiora**

*Text propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li darba fis-sena l-entità ***tal-ġestjoni tal-ajrūport*** tipprovdil lil kull utent tal-ajrūport ***u*** lir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-ajrūport, b'informazzjoni dwar il-komponenti li abbażi tagħhom jiġi stipulat il-livell ta' imposti kollha tas-sigurtà miġbura ***fl-ajrūport***. ***Din l-***

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li darba fis-sena l-entità ***kompetenti*** tipprovdil lil kull utent tal-ajrūport ***jew*** lir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-ajrūport, ***kull darba li jkunu se jsiru konsultazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 4(2)***, b'informazzjoni dwar il-komponenti li abbażi tagħhom ***tiġi***

*informazzjoni* għandha tinkludi tal-anqas:

*stipulata l-istruttura jew jiġi stipulat il-livell ta' imposti kollha tas-sigurtà miġbura taħt ir-responsabilità tagħha. L-informazzjoni* għandha tinkludi tal-anqas:

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajrūporti 2009/12.*

## **Emenda 21**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b a (ġidid)**

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) l-istruttura ġenerali tal-ispejjeż fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati l-imposti tas-sigurtà;**

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajrūporti 2009/12.*

## **Emenda 22**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c**

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(c) id-dħul u l-ispīża ta' kull kategorija ta' imposta tas-sigurtà miġbura fl-ajrūport;**

**(c) id-dħul tal-imposti tas-sigurtà u l-ispīża totali tas-servizzi koperti minnhom;**

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajrūporti 2009/12.*

## Emenda 23

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d a (ġdid)

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(da) kwalunkwe finanzjament mill-awtoritajiet pubbliċi tal-faċilitajiet u servizzi li magħhom huma relatati l-imposti tas-sigurtà;*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajrūporti 2009/12.*

## Emenda 24

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(e) il-previżjonijiet **tal-livell** tal-imposti tas-sigurtà;

*(e) il-previżjonijiet tas-sitwazzjoni fl-ajrūport fir-rigward tal-imposti tas-sigurtà, iż-żieda fit-traffiku u l-investimenti propositi;*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajrūporti 2009/12.*

## Emenda 25

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttiorja

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti tal-ajrūporti jissottomettu informazzjoni lill-entità **tal-ġestjoni** qabel kull konsultazzjoni, kif previst fl-

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti tal-ajrūporti jissottomettu informazzjoni lill-entità **kompetenti** qabel kull konsultazzjoni, kif previst fl-

Artikolu 4, partikolarment dwar:

Artikolu 4, partikolarment dwar:

Or. en

## Emenda 26

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt d a (ġidid)

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(da) l-ammont tal-imposta tas-sigurtà miġbura mill-utenti tal-ajrūport mill-passiġġieri li jitilqu mill-ajrūport u l-informazzjoni dwar il-komponenti li jservu bħala bażi għad-determinazzjoni ta' dawn l-imposti skont il-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 1.*

Or. en

### Ġustifikazzjoni

*Ċerti miżuri ta' sigurtà kif definiti fir-Regolament 2008/300 huma meħħuda mit-trasportaturi bl-ajru. Biex tiżdied it-trasparenza tal-ispejjeż ta' dawn il-miżuri huwa fl-interess tal-konsumatur aħħari, jiġifieri l-passiġġieri, li l-effettivitā tal-ispizza ta' dawn il-ħlasijiet tkun iggarantita.*

## Emenda 27

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 5 – paragrafu 2 a (ġidid)

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2a) Suġġett għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-informazzjoni pprovduta abbażi ta' dan l-Artikolu għandha titqies bħala kunfidenzjali jew ekonomikament sensittiva u tiġi ttrattata f'dan is-sens. Fil-każ ta' entitajiet li jamministraw l-ajrūporti li jkunu kkwotati fil-borża, għandu jkun hemm konformità b'mod partikolari mar-regolamenti tal-borża.*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajrūporti 2009/12.*

## **Emenda 28**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 6 – Titolu**

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Valutazzjoni tal-impatt***

***Miżuri iktar stretti***

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Emenda marbuta ma dik li jmiss. M'hemmx bżonn ta' evalwazzjoni tal-impatt, jekk miżuri aktar stretti u li jiswew aktar jitħallsu mill-Istati Membri.*

## **Emenda 29**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. ***Qabel ma jaddottaw*** miżuri aktar stretti skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, ***l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-effetti fuq il-livell tal-imposti tas-sigurtà.***

***B'rabta ma' miżuri nazzjonali aktar stretti digħi eżistenti fi fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva], l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt matul perjodu tranżizzjonali ta' tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

1. ***L-ispejjeż addizzjonali biex jiġu implimentati*** miżuri aktar stretti skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 ***għandhom jinġarru mill-Istati Membri.***

Or. en

## Emenda 30

### Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 2

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u jikkonsultaw lill-utenti tal-ajrport skont l-Artikolu 4 dwar ir-riżultat tal-valutazzjonijiet tal-impiatt previsti fil-paragrafu 1.*

*imħassar*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-Emenda 29.*

## Emenda 31

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1 a (ġdid)

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) B'konformità mal-liġi nazzjonali, din id-Direttiva m'għandhiex tipprekludi lill-awtorità indipendenti ta' superviżjoni nazzjonali milli tiddelega, taħt is-sorveljanza u r-responsabilità sħiħa tagħha, l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva lil awtoritajiet indipendenti ta' superviżjoni oħra, sakemm din l-implementazzjoni ssir skont l-istess standards.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*B'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, huwa esenzjali li jkun hemm il-possibilità li jiġu delegati poteri tal-awtorità nazzjonali ta' superviżjoni lil awtoritajiet reġjonali responsabbi għar-regolazzjoni ekonomika tal-ajrporti f'sistemi federali. Allinjament mad-Direttiva tal-UE dwar l-Imposti tal-Ajrporti 2009/12.*

## Emenda 32

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2

*Text propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jiggarrantixxu l-indipendenza tal-awtorità indipendenti ta' superviżjoni billi jiżguraw li tkun ġuridikament distinta minn u funzjonalment indipendenti minn kwalunke entità ***ta' ġestjoni tal-ajrūporti u trasportaturi*** tal-ajru. L-Istati Membri li jżommu l-proprijetà jew il-kontroll tal-ajrūporti, l-entitajiet tal-ġestjoni tal-ajrūporti jew it-trasportaturi tal-ajru għandhom jiżguraw is-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjoni regolatorja mill-aktivitajiet assoċjati mal-proprijetà jew il-kontroll. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità indipendenti ta' superviżjoni teżerċita s-setgħat tagħha b'mod imparzjali u transparenti.

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiggarrantixxu l-indipendenza tal-awtorità indipendenti ta' superviżjoni billi jiżguraw li tkun ġuridikament distinta minn u funzjonalment indipendenti minn kwalunke entità ***kompetenti jew trasportatur*** tal-ajru. L-Istati Membri li jżommu l-proprijetà jew il-kontroll tal-ajrūporti, l-entitajiet tal-ġestjoni tal-ajrūporti jew it-trasportaturi tal-ajru għandhom jiżguraw is-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjoni regolatorja mill-aktivitajiet assoċjati mal-proprijetà jew il-kontroll. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità indipendenti ta' superviżjoni teżerċita s-setgħat tagħha b'mod imparzjali u transparenti.

Or. en

## Emenda 33

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt a

*Text propost mill-Kummissjoni*

(a) tiġi stabilita proċedura għar-riżoluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-entità ***tal-ġestjoni tal-ajrūport*** u l-utenti tal-ajrūport;

*Emenda*

(a) tiġi stabilita proċedura għar-riżoluzzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-entità ***kompetenti*** u l-utenti tal-ajrūport;

Or. en

## Emenda 34

### Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1

*Text propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji għall-konformità ma' din id-Direttiva *sa-mhux iktar tard minn [...]*. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella korrelattiva bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji għall-konformità ma' din id-Direttiva *qabel ...*\*. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella korrelattiva bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

---

*\*ĠU: Daħħal id-data sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

Or. en

## Emenda 35

### Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 2 a (ġidid)

*Text propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2a) Sakemm l-ebda imposta tas-sigurtà ma tkun miġbura fi kwalunkwe ajruport fi Stat Membri, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(2), dak l-Istat Membri m'għandux ikun obbligat jikkonforma mal-paragrafi 1 u 2.*

Or. en

## NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur jappoġġja fil-biċċa l-kbira l-proposta tal-Kummissjoni li tipprova tistabbilixxi numru ta' prinċipji bażiċi li għandhom jiġu rispettati meta jiġu ffissati imposti tas-sigurtà. Dawn huma: in-non-diskriminazzjoni, il-konsultazzjoni u r-rimedju legali, it-trasparenza u l-aspett finanzjarju tal-ispejjeż tal-imposti u l-ħolqien ta' awtorità ta' kontroll.

L-emendi proposti huma bażikament dawn li ġejjin:

### **1) Finanzjament (Emendi 1, 3, 28, 29, 30)**

Il-Parlament Ewropew kien talab kemm-il darba iżda għal xejn li jiġi regolat il-finanzjament tal-imposti tas-sigurtà, partikolarmen fin-negożjati għar-Regolament (KE) Nru 300/2008 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ir-Rapport Costa) u fid-Direttiva 2009/12 dwar l-imposti tal-ajruporti (ir-Rapport Stockmann).

Il-Parlament Ewropew talab għal trasparenza u sabiex l-imposti u t-taxxi tas-sigurtà jkunu marbuta mal-iskop tagħhom, u stabbilixxa li l-Istati Membri għandhom iż-żorrū l-ispejjeż għall-applikazzjoni ta' miżuri iktar stretti skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008.

Kif digħà spjegat fid-dokument ta' ħidma, il-Kummissjoni Ewropea ma riditx jew ma setgħetx tindirizza dan is-suġġett. Hija tipprova biss tirrestrinġi l-ispejjeż jew għall-inqas tagħmilhom komprensibbli (ara l-Artikolu 6 tal-proposta) permezz ta' valutazzjoni obbligatorja ġidha tal-impatt ekonomiku ta' miżuri aktar stretti introdotti mill-Istati Membri. Madankollu, ir-rapporteur jipproponi li fejn dawn il-miżuri aktar stretti jgħib magħħom spejjeż addizzjonali, dawn l-ispejjeż għandhom jinġarru mill-Istati Membri. F'dan il-każ, l-ebda valutazzjoni tal-impatt ma tkun obbligatorja, għax l-Istat Membru jkun ikkunsidra serjament min-naħħa tiegħu jekk dawn il-miżuri humiex raġonevoli, jekk l-ispejjeż ma jkunux jistgħu jiġi mgħoddija fuq il-passiġġieri.

L-inċident terroristiku ta' ftit ġimħat ilu wera għal darb'oħra li s-sigurtà fl-ajruporti hija r-responsabilità tal-Istat u li l-iskop ta' miżuri ta'sigurtà li digħi jeżistu u dawk maħsuba ġoddha huwa li jiġu evitati atti ta' terroriżmu. Madankollu, punt li sa issa ma jissemmiex fid-dibattitu huwa li l-miżuri fl-aħħar mill-aħħar se jitħallsu mill-passiġġieri.

### **2) Protezzjoni tal-konsumatur/drittijiet tal-passiġġieri (Emendi 9, 10, 15, 26)**

Il-proposta tal-Kummissjoni tirregola l-prinċipji bażiċi u l-proċeduri bejn l-entità responsabbi għas-sigurtà u l-linji tal-ajru. Ir-relazzjonijiet bejn il-linji tal-ajru u l-passiġġieri huma regolati fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008. L-Artikolu 23 dwar id-dritt għall-informazzjoni u n-non-diskriminazzjoni tal-passiġġieri jinkludi miżuri ta' prekawzjoni li jistipulaw li l-passiġġieri għandhom id-dritt li jkollhom il-prezz reali għas-sigurtà tal-avjazzjoni indikat separatament fil-prezz finali. Iżda kif jistgħu l-passiġġieri jkunu ċerti li qed iħallsu l-prezz reali miftiehem bejn l-entità kompetenti u l-linji tal-ajru skont l-Artikolu 4 ta' din il-proposta għal direttiva? U kif jista' jiġi għarantit li tariffi addizzjonali għas-sigurtà li jingħabru mil-linji tal-ajru jkunu trasparenti?

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 bl-emendi proposti jkun jista' jiġi infurzat aktar faċilment. Minn banda waħda, qed jiġi propost li organizzazzjonijiet tal-passiġġieri u/jew tal-konsumaturi jieħdu sehem fil-konsultazzjonijiet u b'hekk jaraw b'għajnejhom kif jinhad il-prezz għall-miżuri ta' sigurtà, li imbagħad ikunu jistgħu jqabbluh mal-prezz tal-biljett. Mill-banda l-oħra, permezz tal-emendi u d-definizzjonijiet il-ġodda tal-imposti tas-sigurtà u s-sigurtà tal-ajru għandu joħroġ ċar li l-linji tal-ajru qed jieħdu miżuri tas-sigurtà. Fejn il-linji tal-ajru jitkol spejjeż addizzjonali mingħand il-passiġġieri għal dawn il-miżuri ta' sigurtà, din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 5 tal-proposta għal direttiva.

### **3) Kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva (Emendi 4, 7, 35)**

Il-Kummissjoni qed tiproponi li prattikament id-direttiva tiġi applikata għall-ajruporti kollha tal-UE b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 300/2008. Madankollu, in-negożjati fil-grupp ta' ħidma tal-Kunsill juru li din hija kwistjoni kontroversjali ħafna. Xi Stati Membri jipreferu li d-direttiva tkun tapplika biss għal ajruporti b'aktar minn żewġ miljuni jew ġumes miljun passiġġier (b'konformità mad-Direttiva dwar is-servizzi tal-ground-handling fl-ajruporti u dwar l-imposti tal-ajruporti). Ir-rapporteur jixtieq jiċċara li d-direttiva għandha tiġi implimentata biss fl-Istati Membri li jiġbru imposti tas-sigurtà. Barra minn hekk id-direttiva għandha tapplika biss għal dawk l-ajruporti li huma liċenzjati għat-trasport kummerċjali (mhux l-ajruporti tal-avjazzjoni sportiva jew tal-klabbs tal-avjazzjoni).

### **4) Armonizzazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni mad-Direttiva 2009/12/KE dwar l-imposti tal-ajruporti (Emendi 2, 5, 11, 12, 13, 15, 16, 18, 19, 21, 22, 23, 24, 27, 31)**

Il-proposta tal-Kummissjoni hija meħuda f'bosta partijiet mid-direttiva dwar l-imposti tal-ajruporti. L-emendi għandhom l-iskop, kemm jista' jkun u sakemm jagħmel sens, li jarmonizzaw iż-żewġ testi legali. Ir-rapporteur jemmen li dan mhux biss jiffaċilita t-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali, iż-đa wkoll li jistgħu jiġu evitati proċeduri paralleli u spejjeż amministrattivi jezda fil-fażi ta' implimentazzjoni.